MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 434/2003

**Dingli Company International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra
Vs
George Falzon**

**It-Tribunal**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas ta' Lm191.39 (mija u wiehed u disghin liri maltin u disa' u tletin centezmu) dovuti ghall-royalties.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 31 ta' Ottubru, 2002 bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bl-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, fis-6 ta' Ottubru, 2003 naqas u ma deherx meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------